# IX-XOHRA AĦJAR MILL-ĦOFRA

Għawrab, darba waħda miet missieru u ħallielu ħofra żgħira f'qiegħ ta' wied, li billi kienet qrib is-saqwi, kienet iżżomm l-ilma s-sajf kollu. Kien ferħan għall-aħħar. Għodwa waħda fi dħul is-sajf, kien wieqaf fuq siġra taż-żebbuġ, iħares lejn il-ħofra, jitgħaxxaq bl-ilma li fiha, jilma taħt l-imrieżaq tax-xemx, u jaħseb fuq kemm ġid kellha tiswielu dak is-sajf: kemm ħbieb se' jistieden biex jitbahardu fiha flimkien: kif se' jaqsam bl-inkejja lill-għajjurin, u lil dawk li kienu jridulu id-deni.

Dak il-ħin ħaslet għaddejja minn hinnek ħamiema, li billi kienet semgħet li qaribitha marida, taret tajra sa għandha, iżżura żjara. Il-ħamiema kienet ġejja mill-bgħid, ittir taħt xemx tikwi; kienet bil-għatx; kif rat l-ilma jiddi taħtha, niżlet bil-għaġla tieħu xi żewġt imnaqar. Kif niżlet f'xifer il-ħofra, il-għawrab lemaħha; "Ojj!" għajjtilha, kif fetaħ ġwienħajn daqshiex: u tar għal ħdejha: "Oj! xi trid minn hinnek?"

"Int min int, biex tistħarreġ għamili?" wieġbet il-ħamiema waqt li refgħet rasha u tawlet għonqha. "Ġej dal-għodu qisek sid il-kera!" Wieġeb il-għawrab: "Jew-willa ma jienex. Dil-ħofra tiegħi, ħallihieli missieri. Għax ġejt tixrob minnha?" "M'hux tassew!" wieġbet il-ħamiema, "Hija tiegħi, xtrajtha għamnewwel, missierek qarraq bik!"

Kelma ġġib 'il oħra, u l-qiegħa saħnet. It-tjur, tisma' il-għajat, bdiet tinġama', biex tara x'kien ġara: xi żewġ għasafar tal-bejt; xi bufula; xi pespus; xi buċaqċaq; xi gerwiela, u x'naf jien. Ħawwiefa li kienet hemm, kif fehmet id-daqqa, taret bħal leħħa sa għand imħallef it-tajr, u għarrfitu b'kollox. L-imħallef kif sama' l-bawxata, tfarfar, maxat rixu kemm-xejn; u tar għal fejn qaltlu l-ħawwiefa li kienet il-ħofra. Wasal: it-tajr sellimlu: niżel ħdejn il-ħofra, u staqsa x'kien inkala' mill-ġdid. Resaq il-għawrab; "Ja sidna mħallef!" qallu mriegħed bil-biża', "missieri miet il-ġimgħa l-oħra, u ħallieli dil-ħofra bl-ilma li fiha. Issa ġiet dil-ħamiema u qalet li hi tagħha. Nitolboc tagħmilli ħaqq! "Ġiet il-ħamiema u mejlet rasha sal-art, issellem lill-imħallef. "Ja sidi!" qalet b'wiċċha minn quddiem, "dil-ħofra tiegħi, begħethieli waħda ġara qabel ma siefret għam-newwel!" "Għandkom xiehda?" saqsa ħusbien l-imħallef. "Le." wieġeb il-għawrab. "Anqas jien", qalet il-ħamiema.

Imħallef it-tajr siket ħin wieħed, u mbagħad qal: "Nagħmlu hekk: il-ħamiema nafuha b'mara tajba, u għalhekk ma jixraqx li naħsbu li hi tgħid kelma b'oħra; imma l-għawrab—ma naħsibx li kull ħadd jista' jfaħħru bħala ħabib is-sewwa. Għalhekk il-ħofra tibqa 'għall-ħamiema".

Imħallef it-tajr, sellem u raġa' għal bejtu. Il-għawrab libet u żelaq siksnijiet, mistħi u mriegħex. Il-ħamiema, reġgħet qabdet triqitha għal għand qaribitha

* * *

Meta, il-għada fil-għodu, il-ħamiema kienet rieġgħa l-ura, għaddiet għand imħallef it-tajr, u sellmitlu bil-qima kollha u talbet li tista' tkellmu. "Isbaħ din!" wieġeb l-imħallef, "X'tiħtieġ?" "Istorni, ja mħallef!" qabdet il-ħamiema, nitolbok li jkollok ftit tas-sabar u traġġa' l-ħofra lill-għawrab għax hija tiegħu." Għall-ewwel l-imħallef bħal ma riedx jemmen kliem il-ħamiema, imma meta ra li ma kinetx tiċċajta, kellu joqgħod. "Imma xbint", saqsieha l-imħallef, "x'kien li ġagħlek tgħid kelma b'oħra?" "Il-għadab kien, ja sidi!" wieġbet il-ħamiema. "Għadabt għall-aħħar meta rajt lill-għawrab b'wiċċu kollu, jiċħadli qatr'ilma! issa ħsibtha aħjar, u billi jien magħduda b'tajra mixhura, ma rridx ewilla ntebba' ġieħi għal ebda ġid. Ix-xohra aħjar mill-ħofra!"

L. C.